# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta'Gunju 2002**

**Avviz. numru 61/00**

**Numru 24**

**Angelo Desira, u b'digriet tat-12 ta' April 2000 peress li fil-mori tal-kawza miet Angelo Desira l-atti huma trasfuzi fl-isem Antoinette Apap u hutha Charles Desira, Maria Speranza Desira, Maria Teresa Coleiro u Genoveffa Gambin u Antonia Micallef, Rose Spiteri u ulied il-mejjet John Desira (u cioe' Sam Desira, Mary Crawford u Connie Purvis, li ghalihom awtorizzata tidher Antonia Micallef bi prokura datata 12 ta' Ottubru 1999)**

**vs**

**Kevin Bondin**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li johrog u jivvaka l-fond numru seba' (7) fi Sqaq San Bastjan, Zejtun, liema fond qed jigi okkupat abbusivament mill-konvenut u minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri datati 2 ta' Settembru 1999 u 9 ta' Settembru 1999, kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol 10 tal-atti) u li biha eccepixxa:

Illi preliminarjament, l-avviz huwa null u invalidu fil-ligi, stante li ma gietx prezentata mieghu il-prokura fih menzjonata a tenur ta' l-artikolu 156 (2) Kap. 12;

Illi minghajr pregudizzju, jehtieg illi l-atturi jippruvaw l-interess guridiku taghhom b'referenza ghat-titolu ta' proprjeta' relattiv;

Illi minghajr pregudizzju, il-konvenut qieghed jokkupa l-fond Numru 7, Sqaq San Bastjan, Zejtun b'titolu validu ta' kera a tenur ta' l-art. 2 (b) Kap. 69, stante li huwa pro-neputi ta' l-inkwilin precedenti tal-fond de quo l-mibki Generoso Bonnici, u li kien jghix mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu.

Illi ghaldaqstant, tirrizulta l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tisma' kwalsiasi talba ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-fond de quo.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatti maghmula mill-konvenut (fol 11 u 12 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 30 u 31 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mill-konvenut, l-attrici Antonia Micallef pro et nomine esebiet l-istess <u>prokura</u> hemm msemmija permezz ta' nota (ara fol 15 u 16 tal-istess atti). Skond l-istess prokura, l-attrici msemmija giet awtorizzata 'to act on behalf of ……… only in the matter of the sale of the property in Zejtun <u>and in all legal matters concerning that sale</u>'.

Illi hu minnu li l-istess prokura ma kienetx annessa mal-avviz in ezami izda giet prezentata, permezz ta' nota, fit-3 ta' Awissu 2000.

Illi, l-konvenut ma ghamel ebda referenza ghall-artikolu 171 (1) tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu hu dak

applikabbli ghal dan il-kaz.  Fl-istess artikolu, jinghad illi proceduri quddiem din il-Qorti jitmexxew 'bil-mod ta' citazzjoni li ssir fl-ghamla ta' avviz semplici ffirmat mir-registratur li jkun fih l-isem u l-kunjom tal-attur u tal-konvenut, it-talba tal-attur u l-jum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher'.  Ghalhekk jidher evidenti li l-avviz in esami li fih dak kollu stipulat fl-artikolu citat hu validu skond il-ligi u li filfatt il-konvenut iccita l-artikolu sbaljat, li jirreferi ghall-procedura b'citazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-prokura esebita in atti, ma inghatat ebda eccezzjoni dwar jekk din hiex valida skond il-ligi kemm fil-forma (ara l-artikolu 1857(2) tal-Kodici Civili) kemm fis-sustanza jew jekk l-attrici, Antonia Micallef, kellhiex il-poter sabiex tistitwixxi dawn il-proceduri f'isem il-mandanti taghha.

Ikkunsidrat

Illi, dan kollu premess, mill-atti jidher li gew prodotti, mill-istess attrici, is-segwenti provi:-

a. Antonette Apap, attrici ohra xehdet (fol 18 u 19 tal-istess atti) illi l-post in kwistjoni kien proprjeta' ta' missierha, Angelo Desira, li miet fil-mori ta' din il-kawza u kien mikri lil certu Generoso Bonnici, li kien jirrisjedi wahdu, go fih sakemm miet fit-2 ta' Dicembru 1998 (ara l-estratt mill-Att tal-Mewt tal-istess u li jinsab a fol 28 ibid). Hi kompliet tispjega illi ftit qabel li dan kien miet, l-atturi kienu gew avvicinati minn certu Emanuel Spagnol li da parti tieghu kien talab li 'missieri …….. idawwar il-kera fuq ismu'. Pero, kif di gja inghad Angelo Desira kien miet qabel ma kien ta' risposta difinittiva. Inoltre wara li ghadda hafna zmien minn meta gie mitlub jaghti c-cwievet tal-istess post lill-atturi, l-istess Emanuel Spagnol kien wiegeb li c-cwievet tal-post ma kienux fil-pussess tieghu (ara fol 24 tal-atti Sussegwentement, huma kienu ircevew 'karta' minn fejn irrisulta li flus il-kera kienu gew depositati fil-Qorti minn 'certu Kevin Bondin' li 'qatt ma kont iltqajt mieghu' u li ma kienx jirrisjedi ma Generoso Bonnici meta dan miet.

b. L-istess Antonia Micallef (fol 20 u 21 tal-atti) oltre li, fis-sostanza, irripetiet dak li xehdet Antonette Apap, qalet ukoll li l-konvenut 'Nafu, semplicement, bhala wiehed li qed jokkupa l-post presentement'.

c. In atti, tinsab kopja maghmula mir-Registru Elettorali mahrug f'Ottubru 1998. Minn dan id-dokument a fol 25 tal-atti jidher li fil-post in kwistjoni, kien jirrisjedi, wahdu Generoso Bonnici. Inoltre, f'kopja ohra, din id-darba mehuda mir-Registru Elettorali mahrug f'April 1999, ma jidhirx li kien hemm persuna ohra registrata bhala votant fil-post in kwistjoni, wara l-mewt ta' Generoso Bonnici.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, tenut kont ukoll li l-konvenut ma ssottometta ebda prova in sostenn tat-tielet u raba' eccezzjonijiet sottomessi minnu.

Illi anzi, jidher mill-provi kif sintetizzati li l-istess konvenut, bl-ebda mod, ma jista jivvanta li hu 'inkwilin protett' a basi tal-artikolu 2(b) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhon jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u tordna lill-konvenut sabiex johrog u jivvaka mill-fond numru 7 fi Sqaq San Bastjan, Zejtun u dana sas-26 ta' Awissu 2002 wara li l-istess Qorti tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa l-istess fond abbusivament u

minghajr ebda titolu validu fil-ligi.  Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri legali tat-2 ta' Settembru 1999 u tad-9 ta' Settembru 1999 kontra l-istess konvenut.

Alan Calleja
Deputat Registratur